**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 14 ta' Dicembru 2022**

Rikors Numru: 395/21 AL

A B

vs

C B

(MR Nurmu 2658/2011)

Rat ir-rikors li ġie preżentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremettiet:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar is-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hdax (2011).

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ghandhom tifel wiehed, D, li twieled nhar it-tmintax (18) ta' Jannar elfejn u tlettax (2013) kif ukoll zewgt itfal ohra bl-isem ta' E u F, li twieldu nhar il-hdax (11) ta' Settembru, elfejn u erbatax (2014).

3. Illi fir-rigward tal-minuri E u F hemm proceduri gudizzjarji, ossia azzjoni ta' denegata paternita pendenti fl-ismijiet C B v A B et (Rik

334/18 JPG) permezz ta' liema l-attur C B qiegħed jichad li huwa l-missier tal-imsemmija minuri E u F.

4. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Josef Masini Vento ppublikat nhar l-ghoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015).

5. Illi ghalkemm l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti diversi arretrati ta' mantenimentoja tixtieq li din l-Qorti xorta wahda tghaddi biex tippronunzja l-hall taz-zwieg, u dan minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi pretensjoni li ghandha kontra l-intimat ghal dak li ghandu x' jaqsam il-hlas tal-arretrati tal-manteniment dovut.

6. Illi r-rikorrenti iddiskutiet mal-avukat taghha, l-Avukat Timothy A. Bartolo, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u inghatat minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u kkonkludiet li m' hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.

7. Illi m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u z-zewg kontendenti llum ghandhom hajja gdida mas-siehba godda rispettivi taghhom.

8. Illi A B tixtieq li bis-sahha tal-pronunzjament ta' din il-Qorti hija tkun wkoll awtorizzata li tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'G'.

9. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg taghha minn mal-intimat C B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

2. Tawtorizza lill A B tirreverti ghal kunjom xbubitha, ossia 'G'.

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan salv kwalsiasi provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li hu minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Settembru 2021;

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta' Novembru 2021;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 23 ta' Gunju 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Lulju 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti tablet li tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia "G" , il-Qorti qegħda tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.